Tagħrif

# Il-Kampnar tal-Parroċċa ta' Ħ'Attard

minn C. Mallia



Il-knisja ta' H'Attard inbniet bej l-1613 u l-1624, imma l-kampnar kien għad fadallu 94 sena oħra biex jibda jinbena għalkemm Tumas Dingli, l-arkitett tal-knisja kien ippjantah diġà meta għamel il-pjanta tal-knisja!

Kien fl-1718 li ngħata bidu għall-bini tal-kampnar. Dan ifisser li Tumas Dingli – l-arkitett tal-knisja ta' H'Attard – kien ilu mejjet 52 sena. Allura tiġi weħidha l-mistoqsija...

## Min Bena l-Kampnar?

S'issa ma nstab ebda dokument li jagħti tweġiba ċara, imma Giovanni Cutajar li kien minn Ħal Lija u li kie iħobb ħafna l-istorja, f'artiklu li kiteb fil-*Villa Lija* ta' Diċembru 1976 qal hekk:

*Missieri Ċensu li twieled fl-1862 u miet fl-1938, bl-esperjenza li kellu ta' aktar minn 50 sena fis-sengħa tal-bini, kont nisimgħu jgħid li l-kampnar tal-knisja ta' Ħ'Attard kien xogħol ta' Giovanni Barbara, l-arkitett tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija. Naturalment dan missieri ma qalgħux minn żniedu, anzi wieħed għandu għax jaħseb li huwa kien semgħu mix-xjuħ akbar minnu. Il-kelma tat-tradizzjoni, awtentika wkoll bħall-kitba, għalkemm mhux daqsha.*

*Ħal Lija hija qrib Ħ'Attard u għalhekk wieħed jista' jobsor li l-fama ta' Giovanni Barbara bħala arkitett mill-aqwa malajr xterdet u xegħlet f'dak ir-raħal (Ħ'Attard) ġar tagħna malli tlestiet il-knisja ta' Ħal Lija fl-1700. Il-Kappillan tal-parroċċa tagħna (Ħal Lija) f'dak iż-żmien kien Dun Ġużepp Pisani, wild Ħ'Attard. Ma naħsibx li nkunu sejrin imqarrqa jekk ngħidu li l-Kappillan Pisani għamel kull ma seta' biex dak l-istess Arkitett Barbara jieħu f'idejh ix-xogħol tal-kampnar tal-knisja ta' Ħ'Attard, raħal twelidu. Dan sar fl-1718, jiġifieri 18-il sena biss wara li tlestiet il-knisja ta' Ħal Lija.*

*Ħaġ'oħra li ġġegħelna li l-pjanta tal-kampnar imsemmi ħarġet mill-moħħ u idejn tal-magħruf Giovanni Barbara huwa l-fatt li l-istil huwa bla ebda dubju kollu kemm hu tiegħu.*

Din it-teorija ta' Giovanni Barbara tista' tkun vera, imma s'issa m'hemm xejn ċert.

## Il-Kampnar Lest

Is-Saċerdot wild Ħ'Attard Giovanni Barbara Sammut fid-deskrizzjoni li kiteb dwar il-knisja ta' H'Attard qal li:

*"Fis-sena 1718 inbeda x-xogħol tal-kampnar li ntemm fornut minn kollox fl-1726 u dan żejjen il-knisja."*

Imma min iħares lejn il-kampnar 'il fuq mill-qniepen jara annu mħaffer fil-ġebla li juri s-sena 1719. Dan juri ċar li almenu l-bini fil-ġebla sa fejn hemm dan l-annu kien żgur lest wara sena li beda jinbena.

## L-Arloġġ u l-Qanpiena Tiegħu

In-nies ta' H'Attard meta tlesta l-kampnar xtaqu li jkollhom ukoll il-qniepen u l-arloġġ u għalhekk f'Jannar tas-sena 1722, inxtara *l-arloġġ u l-qanpiena tiegħu li qamu 35 skud u 9 tari, mingħand il-Patrijiet Dumnikani tar-Rabat.*

L-arloġġ li jissemma hawn mhux l-istess wieħed tal-lum, għax dan sar fl-1872.[1]



**Tliet Mistoqsijiet**

**Il-qanpiena ta' l-arloġġ l-antik, għadha hemm?**

Jista' jkun ghax fil-kampnar hemm qanipena msejha *l-Antika*. Min jifliha sewwa jintebaħ li mhix irfinuta bħall-oħrajn. Dan jista' jwassalna nemmnu li hi l-qanpiena ta' l-1722.[2] Bejn il-bini tal-knisja u l-bini tal-kampnar għaddew 95 sena. Allura nistaqsu:

**Possibbli li n-nies ta' Ħ'Attard għaddew 95 sena bla qanpiena, meta nafu li l-knisja bla qniepen ma tkunx kompluta?**

Huwa ta' min ikun jaf li fil-knisja ħdejn il-bieb il-kbir hemm garigor li jwassal għall-orgni u jibqa' tiela' aktar 'il fuq, jgħaddi b'kuridur, minn fuq l-orgni għan-naħa l-oħra fejn hemm il-fdal ta' taraġ ieħor li kien iwassal sa fuq il-bejt tal-knisja. U fuq il-bejt, qrib il-fontispizju, jidhru l-fdalijiet ta' taraġ, u l-post fejn kien jisbokka dan it-taraġ.

Dan iwassalna biex nagħmlu mistoqsija oħra: **Jista' jkun li nxtrat qanpiena u tqiegħdet ħdejn il-fontispizju qrib it-taraġ li semmejna? Tgħid kienet il-qanpiena *ż-żgħira* – mhux dik tal-lum li ġiet fis-sena 1928, imma ta' qabilha – li spiċċat bil-ħsara u kellha tinbidel?**

## Tberik ta' Ħames Qniepen

Fl-arkivju tal-knisja ta' Ħ'Attard hemm *Memoria* miktuba mill-Kappillan Antonio Vassallo (1846-1869) li tgħid hekk:

*Nhar is-27 ta' Mejju 1858, il-Ħamis wara l-festa ta' Pentecoste, qrib l-4.00 ta' wara nofsinhar Mons. Isqof Fra Gaetano Pace Forno, mgħejjun minn tliet Kanonċi tal-Katidral u mill-Kappillan ta' Casal Attard wasal fil-knisja parrokkjali ta' l-imsemmi raħal u mexxa l-funzjoni tat-Tberik tal-qniepen u bierek ħames qniepen li tqiegħdu fuq il-presbiterju maġġur. Tnejn minnhom kienu tal-knisja parrokkjali ta' San Pawl barra l-ħitan ta' Notabile. L-oħrajn kienu tal-knisja tal-Patrijiet Zuccolanti (O.F.M.) tar-Rabat ta' Notabile.*[3]

**Nota:** Il-kappillan ta' dak iż-żmien kien Antonio Vassallo.

## Il-Qniepen fil-Preżent

**Il-Kbira**

Din saret fl-1812 minn toni Tanti tal-Marsa u swiet 300 lira mħallsin mill-poplu. L-isem tagħha hu Publia, fiha skolpit lil Santa Marija, lil San Pawl, is-Salib u San Publiju.

**Il-Fustanija**

Din saret fl-1818 minn Ferdinando Leotta u mħallsa mill-poplu. Fiha skolpit Qaddis Martri u Santa Marija.

**It-Tielet Qanpiena**

Din saret fl-1714 minn Bertucelli u Gaetano (it-tnejn Taljani). Fiha skolpiti l-armi tal-Gran Mastru Pinto u ta' l-Isqof Cannaves u bejniethom il-Kunċizzjoni. Din il-qanpiena saret qabel ma sar il-kampnar u dan juri li aktarx kienet f'xi parroċċa oħra u nġabet hawn żmien wara.

**Ir-Raba' Qanpiena**

Din saret fl-1766 jisimha Assunta.

**Iż-Żgħira**

Saret fl-1830 minn Prospero Barigozzi, Milan. Imħallsa mill-poplu u l-kleru. Iż-żgħira ta' qbael issewwiet għand *Archers & Co.* għal 5 liri sterlini.[4]

## L-Arloġġ ta' Sapiano

Fi żmien il-Kappillan Dun Ġwann Ebejer inħasset il-ħtieġa li jsir arloġġ aħjar minn dak li kien hemm. Talbu lil Mikelanġ Sapiano (1826-1912) arluġġar magħruf, biex jaħdmilhom wieħed. Fl-1872 Sapiano ħadem il-magna ta' l-arloġġ li turi l-ħin u tagħha tħallas 35 lira. Il-parti l-oħra tad-daqq Sapiano ġaba mill-Ingilterra kif jixhdu l-kelmiet fonduti li hemm fuq żewġ partijiet tal-mekkaniżmu tad-daqq: *Cillinngton Co.* u *J.B. & Sons*.[5]

Dan ma jfissirx li Sapiano ma kienx kapaċi jagħmel il-mekkaniżmu tad-daqq għax fil-fatt għandu arloġġi li hu ħadem mill-bidu sa l-aħħar jiġifieri fiż-żewġ partijiet, tal-ħin u tad-daqq.

Ħaġ'oħra li fih l-arloġġ tal-knisja ta' Ħ'Attard hija l-fatt li jdoqq fuq tliet qniepen. Is-sighat idoqqhom fuq qanpiena waħda u l-kwarti jdoqqhom fuq żewġ qniepen oħra differenti.

1 Ara, *Kontijiet tal-Knisja fl-1720 u fl-1721* ta' J. Sciberras Ħ'Attard il-Parroċċa tagħna Awissu 1990 p.33.

2 Tagħrif mogħti minn Ġużeppi Zammit.

3 Reġistru VII Battesimi p. 6. Grazzi lil Mons. Dun Pawl Pace li għadda din il-*Memoria* lis-Sur Norbert Pace, Sindku ta' Ħ'Attard u grazzi lis-Sindku li ġentilment għaddiha lili.

4 Tagħrif mogħti minn Robert Cassar.

5 Tagħrif mogħti minn Stephen Zammit li sewwa u rrestawra l-arloġġ.